MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 70/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“ Peress illi s-socjeta attrici ghandha tiehu dan l-ammont ta’ tlett mija u sitta u tletin lira (Lm336) ta’ bejgh u konsenja ta’ computer lill-konvenut.

Peress illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont baqa’ inadempjenti.

Jghid ghaliex huwa m’ghandux jigi :

1. Ikkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tlett mija u sitta u tletin lira (Lm336) skond id-Dokument A hawn anness.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv."

Ra l-kapitoli pprezentati mis-socjeta attrici fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2005 kif ukoll l-istqarrija tal-avukat tal-konvenut li thallsu madwar LM60 mill-ammont mitlub.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu fis-seduta tallum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' LM276 ammont dovut ghal prezz ta' computer mibjugh u kkunsinnat lill-konvenut bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------